Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,451, 10 ta' Ġunju, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XV tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Awtorità sabiex tiżgura u tippromwovi s-sigurtà tal-ikel, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-ikel f'Malta u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma', jew li huma anċillari għall-istess.

ACT No. XV of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the establishment of an Authority to ensure and promote food safety, sustainability and security in Malta and for matters related therewith or ancillary thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

10 ta' Ġunju, 2025

ATT Nru XV tal-2025

ATT sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' Awtorità sabiex tiżgura u tippromwovi s-sigurtà tal-ikel, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-ikel f'Malta u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma', jew li huma anċillari għall-istess.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ikel jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ikel jista', permezz ta' avviż skont is-subartikolu (2), jagħmel tali dispożizzjonijiet tranżitorji kif jista' jkun meħtieġ jew spedjenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet hekk miġjuba fis-seħħ.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità magħmul minn President u l-membri maħtura skont l-artikolu 5;

"entità tal-amministrazzjoni pubblika" tinkludi kwalunkwe korp li huwa "aġenzija tal-Gvern", "Dipartiment tal-Gvern" jew "entità tal-Gvern" u, jew "uffiċjal pubbliku" kif imfissra fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 595.

"ikel" tfisser kwalunkwe sustanza jew prodott, inklużi l-pjanti u l-annimali, kemm jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub sabiex jiġi inġerit mill-bniedem, jew raġonevolment mistenni li jiġi inġerit minnu, u għandu jinkludi u, jew jeskludi kwalunkwe sustanza jew prodott ieħor kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi;

"impjegat pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 595.

"kontroll tal-ikel" tinkludi l-attivitajiet kollha regolatorji, ta' liċenzjar, azzjonijiet ta' infurzar u preventivi u attivitajiet oħra mwettqa għal finijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel, tal-kwalità tal-ikel, tas-sigurtà u iġjene tal-ikel, valur kompożizzjonali, nutrizzjonali jew valur ieħor, jew xort'oħra, fir-rigward tal-produzzjoni primarja, il-preparazzjoni, l-ipproċessar, il-bejgħ u l-provvista ta' ikel jew sorsi tal-ikel f'Malta, jew li jkunu qegħdin ifittxu d-dħul f'Malta, inkluż l-operat tan-negozji kollha tal-ikel ikunu minn min ikunu ġestiti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ikel;

"negozju tal-ikel" tinkludi kwalunkwe impriża, sew bi profitt jew xort'oħra u sew jekk pubblika jew privata, li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, inklużi l-produzzjoni primarja, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-ikel;

"post tal-ikel" tfisser kwalunkwe post użat għall-finijiet ta' negozju tal-ikel u tinkludi posti, fi swieq miftuħa jew magħluqa, vetturi, kemm jekk jiċċaqalqu jew xort'oħra, u bastimenti marittimi, inklużi bastimenti tas-sajd;

"President" tfisser il-President tal-Awtorità u tinkludi, fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 5(4), il-Viċi President jew kwalunkwe persuna maħtura sabiex taġixxi bħala President;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ikel;

"Regolament (UE) 2016/679" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"uffiċjal" tinkludi kwalunkwe impjegat pubbliku jew membru tal-persunal;

"uffiċjal pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Uffiċjal Kap Eżekuttiv" tfisser l-uffiċjal maħtur bir-responsabbiltà għat-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità skont l-artikolu 7.

Estensjoni tal-applikabbiltà għal żona ekonomika esklussiva jew żona ta' protezzjoni ambjentali. Kap. 362. Kap. 652.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu għandhom japplikaw ukoll, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 kif ratifikata bl-Att dwar ir-Ratifika tal-Liġi tal-Baħar, għal żona ekonomika esklussiva jew żona ta' protezzjoni ambjentali kif definita fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva, u kwalunkwe ġżira artifiċjali, installazzjoni, struttura, tagħmir jew apparat hemmhekk misjuba għandhom, unikament għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, jitqiesu bħallikieku kienu jinsabu f'Malta stess.

TAQSIMA II
Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel

Twaqqif tal-Awtorità.

4. (1) Għandha tiġi mwaqqfa Awtorità, li għandha tkun magħrufa bħala l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel li għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura s-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel f'Malta.

(2) L-Awtorità għandha tkun korp ġuridiku b'personalità ġuridika distinta u għandu jkollha l-kapaċità, kif soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li tidħol f'kuntratti, takkwista, iżżomm u tiddisponi permezz ta' kwalunkwe titolu, kwalunkwe tip ta' proprjetà għall-

finijiet tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u li tiġi mħarrka, li twettaq dawk il-ħwejjeġ kollha u li tidħol f'dawk it-tranżazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, inkluż is-self ta' flus.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità għandha tkun vestita fil-Bord:

Iżda l-Awtorità tista' taħtar kwalunkwe wieħed (1) jew aktar mill-membri tagħha jew kwalunkwe wieħed (1) jew aktar mill-uffiċjali tagħha sabiex jidhru f'isem, jew għan-nom tal-Awtorità fi kwalunkwe proċeduri u fi kwalunkwe att, kuntratt, strument jew kwalunkwe dokument ieħor.

Kompożizzjoni tal-Awtorità.

5. (1) Għandu jkun hemm Bord tal-Gvernaturi li jikkonsisti f'mhux inqas minn disa' (9) u mhux aktar minn ħdax (11)-il membru, li minnhom il-Ministru għandu jaħtar il-President tal-Awtorità.

(2) Il-Bord għandu jinħatar mill-Ministru u għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) tliet (3) impjegati pubbliċi;

(b) seba' (7) membri, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"membri indipendenti", għandhom jintgħażlu minn fost persuni ta' integrità magħrufa u b'għarfien ta', u esperjenza:

(i) fl-operat ta' negozji privati kif nominati minn korpi li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u, jew fil-kummerċ b'mod ġenerali; u

(ii) fi kwistjonijiet relatati mal-funzjonijiet tal-awtorità, għall-finijiet ta' governanza tajba; u

(ċ) membru wieħed (1) nominat mill-Ministru responsabbli għas-saħħa:

Iżda ħlief għall-membru msemmi fis-subartikolu (2)(ċ), il-Ministru jista' jirrevoka kwalunkwe ħatra fuq il-Bord għal raġunijiet ta' inkapaċità fit-twettiq tal-funzjonijiet, falliment jew skwalifika għar-raġunijiet imsemmija fis-subartikoli (5) u (7) jew minħabba nuqqas fil-qadi tad-dmirijiet, filwaqt li jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dan bil-miktub lill-Bord:

Iżda wkoll tliet (3) membri tal-Bord għandu jkollhom l-esperjenza jew kwalifiki f'materji dwar l-agrikoltura, is-sajd, is-servizzi veterinarji u s-saħħa ambjentali.

(3) Il-President u l-membri l-oħra tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin:

Iżda l-membri hekk maħtura jistgħu jinħatru mill-ġdid mal-iskadenza ta' kull terminu.

(4) Il-Ministru jista' jaħtar wieħed (1) mill-membri tal-Bord, ħlief il-President, bħala Viċi President u l-membru hekk maħtur għandu jkollu s-setgħat u jwettaq il-funzjonijiet kollha ta' President fl-assenza jew l-inabilità tal-President li jaġixxi bħala tali jew f'każ ta' kwalunkwe vakanza fil-kariga tal-President.

(5) Persuna ma għandhiex tkun kwalifikata sabiex tokkupa l-kariga ta' membru tal-Bord jekk hija:

(a) membru tal-Kamra, tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni tal-Kamra, tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali;

(b) imħallef jew maġistrat;

(ċ) għandha interess finanzjarju jew interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa, b'mod ġenerali, il-qadi tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord;

(d) tkun legalment inkapaċitata jew interdetta;

(e) tkun ġiet dikjarata falluta jew għamlet tranżazzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha;

(f) tkun soġġetta għal ordni ta' skwalifika skont l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji jew tkun soġġetta għal black listing kif provdut fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; jew

Kap. 386.

L.S. 601.03.

(g) tkun instabet ħatja ta' reat kriminali kontra l-fiduċja pubblika, ta' serq, frodi, li tkun xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi, ta' korruzzjoni, ħasil ta' flus, reat kriminali taħt kwalunkwe liġi, jew tkun qiegħda tiġi investigata għal tali reati kriminali.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Bord għandha ssir vakanti:

(a) meta jiskadi t-terminu tal-kariga tiegħu;

(b) jekk jinħolqu ċirkostanzi li, li kieku ma kienx membru tal-Bord, kienu jiskwalifikawh milli hekk jinħatar; jew

(ċ) jekk il-ħatra tkun revokata mill-Ministru skont is-subartikolu (2).

(7) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru għal xi waħda (1) jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) jekk il-membru, minħabba mard mentali jew fiżiku jew xi kawża oħra, effettivament ma jkunx jista' jkompli jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala membru;

(b) jekk l-imġiba jew il-prestazzjoni tal-membru ġġib fid-dubju l-idonejità jew il-kapaċità li jkompli bħala membru, b'mod partikolari l-imġiba li taffettwa jew li tista' taffettwa r-reputazzjoni, l-indipendenza jew l-awtonomija tal-Awtorità;

(ċ) waħda mir-raġunijiet għar-revoka tal-ħatra skont is-subartikolu (2); jew

(d) jekk xi membru jonqos milli jaqdi dmirijietu għal perjodu kontinwu li jeċċedi sitt (6) xhur mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni valida.

(8) Jekk il-Ministru jneħħi membru tal-Bord mill-kariga, tali tneħħija għandha ssir pubblika sa mhux aktar tard mid-data effettiva tat-tneħħija mill-kariga. Fl-istess waqt, il-Ministru għandu jipprovdi lill-membru kkonċernat bir-raġunijiet għat-tneħħija tiegħu, u l-membru jkollu d-dritt li jitlob li r-raġunijiet għat-tneħħija tiegħu jsiru pubbliċi, f'liema każ il-Ministru għandu jippubblika tali raġunijiet.

(9) Il-membri kollha tal-Bord jistgħu jirriżenjaw permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru. Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Bord tkun xort'oħra vakanti jew jekk membru għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru jista' jaħtar persuna li tkun kwalifikata bħala membru temporanju tal-Bord, u kwalunkwe persuna hekk maħtura ma għandhiex tibqa' membru hekk kif tinħatar persuna sabiex timla l-vakanza jew, skont kif ikun il-każ, meta l-membru li ma setax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jerġa' jibda jwettaq dawk il-funzjonijiet.

Funzjonijiet tal-Awtorità.

6. (1) L-Awtorità għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li timplimenta l-istrateġiji jew il-politiki tal-Unjoni Ewropea kif provdut fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea;

(b) li twettaq u tiret il-funzjonijiet, l-assi, id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' dawk l-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kienu jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti għas-setturi

partikolari tagħhom jew partijiet minnhom, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru b'avviż tal-Gvern fil-Gazzetta;

(ċ) li tifformula, timplimenta u tinforza politika nazzjonali dwar l-ikel, li b'mod partikolari tista' tinkludi politiki sabiex:

(i) isaħħu s-sigurtà tal-ikel billi jiċċentralizzaw u jissimplifikaw il-kontrolli fuq is-sigurtà tal-ikel sabiex jiġi żgurat li l-ikel imqiegħed fis-suq ikun sikur għall-konsum uman;

(ii) jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-ikel billi tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex ittejjeb ir-reżiljenza u s-sigurtà tas-sistemi tal-ikel f'Malta, inklużi d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel u t-tisħiħ tal-produzzjoni lokali tal-ikel u b'mod ġenerali d-disponibbiltà tal-ikel f'Malta sabiex tkun tista' ssostni l-popolazzjoni fi żminijiet ta' kriżi; u

(iii) irawmu s-sostenibbilità tal-ikel billi jippromwovu prattiċi sostenibbli tal-ikel skont indikaturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(d) li tħejji pjanijiet ta' kontinġenza kontra perikli potenzjali tul il-katina tal-provvista tal-ikel kollha billi tadotta approċċ ibbażat fuq ir-riskju f'konformità mal-politiki fil-paragrafu (ċ);

(e) li toħroġ liċenzji jew awtorizzazzjonijiet oħra lil operaturi u stabbilimenti involuti fil-produzzjoni, l-ipproċessar u, jew il-kummerċjalizzazzjoni jew offerta oħra ta' ikel għall-konsum uman;

(f) li twettaq u, jew tikkummissjona stħarriġ, studji, valutazzjonijiet, investigazzjonijiet, verifiki, monitoraġġ fuq kwalunkwe kwistjoni relatata mas-sistemi tal-ikel regolati minn jew taħt dan l-Att;

(g) li tippromwovi sistemi tal-ikel sostenibbli regolati minn jew taħt dan l-Att;

(h) li tapplika b'mod effettiv il-prinċipju ta' prekawzjoni meta jiġi identifikat jew raġonevolment suspettat riskju sinifikanti għall-pubbliku;

(i) li tamministra sistema effiċjenti u effettiva għall-assistenza amministrattiva, l-allert rapidu, is-sejħa lura tal-

prodotti u l-irtirar tal-prodotti sabiex tipproteġi lill-pubbliku minn kwalunkwe riskju li seta' ġie identifikat jew issuspettat fir-rigward ta' prodotti diġà disponibbli għall-pubbliku, kif ukoll biex taġixxi b'mod effettiv kontra kwalunkwe episodju ta' frodi alimentari jew ta' kwalunkwe att illeċitu li jaffettwa ħwejjeġ regolati b'dan l-Att, u dan skont kwalunkwe obbligu applikabbli taħt il-liġi nazzjonali jew tal-UE kif fis-seħħ minn żmien għal żmien;

(j) li tipprovdi informazzjoni u toħroġ linji gwida lill-pubbliku u lil entitajiet kummerċjali u oħrajn dwar kwistjonijiet relatati mal-ikel;

(k) li tikkollabora u tinvolvi ruħha mal-partijiet interessati kollha fir-rigward tal-ikel u taġixxi bħala katalista biex trawwem approċċ nazzjonali unifikat bil-għan li ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà u l-kwalità tas-sistemi tal-ikel f'Malta;

(l) li tiżgura li l-obbligi nazzjonali u internazzjonali relattivi għall-materji regolati minn jew taħt dan l-Att jiddaħħlu fis-seħħ u jitħarsu;

(m) li tiżgura li jinżammu rekords u reġistri xierqa sabiex jiġi żgurat li l-persuni responsabbli għal kwalunkwe oġġett tal-ikel jiġu identifikati u regolati;

(n) li tivvaluta, tinvestiga, tivverifika, tissorvelja u tieħu azzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe negozju, attività, intervent, proġett, operazzjoni jew użu tal-art li jista' jkollhom effett fuq l-ikel;

(o) li ġeneralment taġixxi biex timplimenta, tikkoordina u tissorvelja b'mod ġenerali l-azzjonijiet kollha ta' kontroll tal-ikel kif mibdija minnha stess jew minn kwalunkwe korp pubbliku ieħor;

(p) li tissorvelja l-infurzar ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni, standards u prattiki rilevanti fir-rigward tan-negozji tal-ikel, post tal-ikel, u persuni li joperaw fin-negozju tal-ikel;

(q) li tagħti pariri lill-Ministru dwar leġiżlazzjoni internazzjonali u dwar il-formulazzjoni ta' politika nazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet regolati b'dan l-Att u dwar kwistjonijiet li jkollhom effett fuq l-istess;

(r) li tagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa konnessa

mal-funzjonijiet tagħħa taħt dan l-Att, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq rikjesta speċifika mill-Ministru;

(s) li taqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu assenjati lilha mill-Ministru b'regolamenti skont l-artikolu 32; u

(t) li twettaq tali funzjonijiet oħra li jistgħu jwasslu għat-twettiq aħjar tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt is-subartikolu (1) l-Awtorità għandha:

(a) tfittex li tikkoopera jew tagħmel arranġamenti ma' entitajiet jew persuni oħra biex tkun tista' timplimenta jew tissorvelja aħjar l-implimentazzjoni u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) tistabbilixxi objettivi u strateġiji fit-tul u fil-qosor;

(ċ) tfassal jew tagħti pariri lill-Ministru dwar it-tfassil ta' standards, linji gwida u t-tfassil ta' regolamenti, pjanijiet u politiki taħt dan l-Att kif ukoll tagħti pariri dwar il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza u emerġenza biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista tal-ikel, is-sigurtà u, jew il-kwalità tal-ikel u inkluża l-implimentazzjoni tal-obbligi kollha applikabbli tal-Unjoni Ewropea u, jew internazzjonali f'Malta;

(d) toħroġ jew iżżomm kwalunkwe awtorizzazzjoni jew tissorvelja kwalunkwe valutazzjoni, monitoraġġ jew azzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa minn jew taħt dan l-Att u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista', kif soġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, tqis meħtieġa għall-kontroll u l-ġestjoni ta' attivitajiet li jkollhom impatt fuq l-ikel jew li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt fuq is-sigurtà tal-provvista tal-ikel, is-sigurtà u l-kwalità tal-ikel;

(e) tissorvelja l-kwalità u s-sigurtà tal-ikel u għal dan il-għan tistabbilixxi indikaturi u metodoloġiji u żżomm u xxerred informazzjoni relatata mal-ikel;

(f) tħejji u tippubblika rapport annwali dwar l-istat tal-ikel f'Malta, inkluż dak kollu meħtieġ biex Malta tikkonforma mal-obbligi ta' rappurtar skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea u d-dritt internazzjonali;

(g) għall-finijiet ta' dan l-Att u sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha, hija tista' teħtieġ, tiġbor u tipproċessa data,

inkluża data personali, minn kwalunkwe persuna u, jew korp;

(h) twettaq tali funzjonijiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu assenjati lilha mill-Ministru, inklużi l-funzjonijiet meħtieġa biex jingħata effett lil xi obbligu internazzjonali, inklużi obbligi tal-Unjoni Ewropeja u, jew kwalunkwe ftehim bilaterali li Malta tkun daħlet għalih dwar materji regolati b'dan l-Att.

(3) L-Awtorità tista' teżerċita s-setgħat kollha ta' superviżjoni, valutazzjoni, monitoraġġ u kontroll ta' kwalunkwe oġġett u, jew sustanza li jistgħu jibdew jintużaw jew jintużaw fl-ikel jew għall-produzzjoni, preparazzjoni, ipproċessar, trasport jew kummerċjalizzazzjoni ta' ikel jew ta' kwalunkwe oġġett u, jew sustanza kif imsemmi:

Iżda tali setgħat jistgħu jiġu applikati fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, trasport u, jew kummerċjalizzazzjoni tal-ikel u, jew ta' kwalunkwe oġġett u, jew sustanza kif imsemmi f'dan is-subartikolu:

(4) Il-kompetenza tal-Awtorità għandha titqies li tinkludi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha ta' kwalunkwe awtorità rilevanti li taħthom jaqgħu l-Atti u, jew il-leġiżlazzjoni sussidjarja elenkati fl-Iskeda, limitatament għall-għanijiet tal-kontroll tal-ikel.

(5) L-Awtorità għandha tiżgura wkoll li tirreġistra rekord tal-awditjar tal-proċessi kollha tagħha, inkluż tad-dokumentazzjoni u r-rapporti kollha.

Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

7. (1) L-Awtorità għandha taħtar Uffiċjal Kap Eżekuttiv wara sejħa pubblika. Tali ħatra għandha tkun għal perjodu ta' tliet (3) snin li tista' tiġi estiża għal perjodi ulterjuri ta' tliet (3) snin kull wieħed.

(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn fuq stabbilit, huwa għandu:

(a) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Awtorità kif provdut taħt dan l-Att jew kif indikati mill-Bord;

(b) jagħti parir lill-Awtorità dwar kwalunkwe kwistjoni li hija tista' tirreferi lilu jew li dwarha jqis li l-parir tiegħu jkun meħtieġ jew spedjenti; u

(ċ) iwettaq tali funzjonijiet u dmirijiet oħra li l-Bord jista' jassenjalu minn żmien għal żmien.

(3) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu, fuq talba tal-Bord, jattendi l-laqgħat tal-Bord iżda ma għandux jivvota f'tali laqgħat.

(4) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-Bord fi kwalunkwe ħin għal raġuni ġusta, u għandha titqies li tkun raġuni ġusta jekk il-Bord jiddetermina li huwa ma laħaqx il-miri u l-objettivi stabbiliti għalih mill-Bord.

Laqgħat tal-Bord.

8. (1) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jissejħu mill-President kull meta dan ikun meħtieġ u mill-inqas darba fix-xahar, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' żewġ (2) membri oħra tal-Bord.

(2) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe vakanza fost il-membri tiegħu.

(3) Nofs in-numru tal-membri li jikkostitwixxu l-Bord għandhom jiffurmaw *quorum*. Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvutaw.

(4) Il-President għandu jkollu vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs huwa għandu wkoll jeżerċita vot deċiżiv.

(5) Il-Bord għandu jaħtar uffiċjal sabiex jaġixxi ta' segretarju għal Bord għal dak il-perjodu u kif il-Bord jista' jidhirlu xieraq:

Iżda s-segretarju ma għandux ikun membru tal-Bord:

Iżda wkoll is-segretarju għandu jkollu d-dmir li jsejjaħ laqgħat tal-Bord u jżomm il-minuti rispettivi tagħhom u jassumi tali dmirijiet oħra li l-President tal-Awtorità jista' jassenjalu.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(7) L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-aġenda, tal-minuti u tal-annessi relattivi tal-laqgħat tagħha lill-Ministru għall-informazzjoni tiegħu.

Uffiċjali tal-Awtorità.

9. (1) L-Awtorità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, tali uffiċjali u impjegati tal-Awtorità li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu meħtieġa għat-twettiq xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

(2) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tistabbilixxi skema, b'arranġamenti kontributorji jew mhux kontributorji jew bit-tnejn, għall-ħlas ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u benefiċċji oħra simili lill-uffiċjali tagħha jew lid-

dipendenti tagħhom meta dawk l-uffiċjali jirtiraw, imutu jew iweġġgħu.

Kap. 449.

(3) L-uffiċjali tal-Awtorità għandhom jitqiesu bħala uffiċjali awtorizzati skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistgħu *mutatis mutandis* jeżerċitaw kwalunkwe tali setgħat kif provdut fl-imsemmi Att għal uffiċjali awtorizzati, b'żieda ta' kwalunkwe setgħa u responsabbiltà kif provdut f'dan l-Att:

Iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn fuq stabbilit, il-Bord u l-uffiċjali tal-Awtorità jistgħu *mutatis mutandis* jeżerċitaw kwalunkwe mill-poteri li dwarhom jipprovdu l-artikoli 20, 21 u 24 sa 33 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

Kap. 449.

Kap. 595.

(4) L-uffiċjali kollha tal-Awtorità għandhom ikunu marbuta bil-Kodiċi ta' Etika applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha tal-Awtorità, inklużi l-uffiċjali assenjati jew impjegati skont l-artikoli 10 u 11:

Iżda dan ma japplikax għal persuni ingaġġati skont l-artikolu 13.

Assenjar ta' uffiċjali u impjegati pubbliċi.

10. (1) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, jordna li kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku jiġi assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data kif jista' jiġi speċifikat f'ordni tal-Prim Ministru.

(2) Il-perjodu li matulu għandu japplika l-ordni hawn fuq imsemmi, għal kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku kif hemmhekk speċifikat, kemm-il darba l-uffiċjal pubbliku jew l-impjegat pubbliku ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra ma jkunx baqa' fil-kariga jew fl-impjieg f'data preċedenti, jew kemm-il darba ma jiġix speċifikat perjodu differenti f'dik l-ordni, għandu jintemm meta jokkorri xi wieħed mill-avvenimenti li ġejjin:

(a) l-aċċettazzjoni minn tali uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku ta' offerta ta' trasferiment għas-servizz ta', u impjieg permanenti mal-Awtorità magħmul skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12; jew

(b) ir-revoka ta' tali ordni mill-Prim Ministru.

(3) Meta ordni kif hawn fuq imsemmi jiġi revokat mill-Prim Ministru fir-rigward ta' kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, il-Prim Ministru jista', b'ordni ulterjuri, jassenja lil tali

uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku għal dmirijiet mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni tal-Prim Ministru, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom japplikaw għall-perjodu ta' tali assenjar kif jista' jkun magħmul permezz ta' kwalunkwe ordni ulterjuri fir-rigward ta' tali uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku.

Stat ta' uffiċjali pubbliċi u impjegati pubbliċi assenjati mal-Awtorità.

11. (1) Fejn kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku jkun assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità, tali uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku għandu, fiż-żmien li matulu dak l-ordni jkun effettiv fir-rigward tiegħu, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Bord iżda huwa għandu għal kull fini jibqa' u jitqies li baqa' u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn fuq stabbilit, uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku assenjat għax-xogħol kif intqal qabel:

(a) ma għandux matul il-perjodu li matulu jkun hekk assenjat:

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment fi kwalunkwe dipartiment tal-Gvern skont it-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern li hu jkollu fid-data li fiha jkun ġie hekk assenjat għax-xogħol; jew

(ii) jirċievi rimunerazzjoni u jkun suġġett għal kondizzjonijiet ta' servizz li jkunu anqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra mal-Gvern li jkollu fid-data hawn qabel imsemmija jew li kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra matul dak il-perjodu, li kieku dak l-uffiċjal pubbliku ma kienx ikun ġie assenjat sabiex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità; u

(b) għandu jkollu d-dritt li s-servizz tiegħu mal-Awtorità jitqies bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' kwalunkwe pensjoni, gratifikazzjoni, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u għall-finijiet ta' kwalunkwe dritt jew privileġġ ieħor li għalih kien ikun intitolat, u soġġett għal kull obbligu li għalih kien ikun responsabbli, li ma kienx għall-fatt li ġie assenjat għax-xogħol mal-Awtorità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Fejn issir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i) għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-applikant ma kienx ġie assenjat għal servizz mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern tali kontribuzzjonijiet li

jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar l-ispiża tal-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet miksuba minn uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Awtorità kif intqal qabel u dan għal tali perjodu li matulu jkun hekk assenjat.

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Awtorità lil uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi assenjati għal dmirijiet mal-Awtorità.

12. (1) Il-Bord jista', fuq parir tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, joffri impjieg permanenti mal-Awtorità lil kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10 b'dak il-ħlas u skont dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif stabbiliti mill-Awtorità.

(2) Kull uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku li jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità offrut lilu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu, għall-finijiet kollha minbarra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u tal-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li ma baqax fis-servizz mal-Gvern u li daħal fis-servizz mal-Awtorità fid-data tal-aċċettazzjoni tiegħu, u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sa fejn applikabbli għalih, is-servizz mal-Awtorità għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fit-tifsiriet tagħhom rispettivament.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Kull uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku hawn fuq imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità, kien intitolat li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk intitolat li jibbenefika taħt dak l-Att għall-finijiet kollha bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar l-ispiża ta' pensjonijiet u gratifikazzjonijiet miksuba minn uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku li jkun aċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kif imsemmi qabel u dan għall-perjodu li jibda mid-data tal-aċċettazzjoni ta' dak l-uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku.

(5) Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità u li sussegwentement jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità, id-dispożizzjonijiet preċedenti għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

Kap. 93.

(6) Għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet il-ħlasijiet pensjonabbli mal-irtirar ta' kwalunkwe uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku li għalihom japplika s-subartikolu (5) għandhom jitqiesu bħala l-ħlasijiet pensjonabbli pagabbli lil uffiċjal pubbliku jew

impjegat pubbliku fis-servizz tal-Gvern klassifikati fl-eqreb grad korrispondenti u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga okkupata u livell inkrementali fid-data li fiha l-uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku jirtira mill-Awtorità.

(7)(a) Il-klassifikazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha ssir minn bord magħmul minn president maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ (2) membri oħra, wieħed (1) maħtur mill-Ministru responsabbli għall-politika tal-persunal b'mod ġenerali fis-servizz pubbliku u wieħed (1) maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Awtorità:

Iżda l-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(b) Dik il-klassifikazzjoni għandha ssir fi żmien tliet (3) xhur minn kwalunkwe aġġustament fis-salarji tal-impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew tal-impjegati tal-Awtorità.

(ċ) Bla ħsara għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, l-ebda persuna ma tista' wara klassifikazzjoni kif imsemmi qabel, tkun intitolata għal drittijiet, taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, inqas favorevoli minn dawk li kienet tkun intitolata għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni. Kap. 93.

Ingaġġ ta' konsulenti u nies li jagħtu pariri.

13. L-Awtorità tista' tingaġġa dawk il-konsulenti jew nies li jagħtu pariri, li jidhrilha meħtieġa sabiex jgħinuha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

Eżerċizzju ta' setgħat ta' awtoritajiet rilevanti.

14. (1) L-Awtorità tista' teżerċita kwalunkwe setgħa jew twettaq kwalunkwe responsabbiltà mogħtija fil-leġiżlazzjoni elenkata fl-Iskeda, b'mod konġunt mal-entità inkarigata skont il-leġiżlazzjoni rilevanti, skont il-ħtieġa u kif l-Awtorità tista' tiddeċiedi.

(2) L-Awtorità tista' wkoll tiddelega kwalunkwe mis-setgħat tagħha lil kwalunkwe awtorità rilevanti iżda għandha żżomm rwol ta' superviżjoni jew koordinazzjoni fuq id-delegat tagħha.

(3) Il-Ministru jista' b'regolamenti jemenda l-lista ta' atti leġiżlattivi fl-Iskeda.

(4) Kwalunkwe data personali miġbura skont dan l-artikolu għandha tiġi pproċessata skont l-artikolu 18.

(5) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 sa 7 tal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern għandhom japplikaw *mutatis mutandis* skont dan l-Att fir-rigward tal-awtoritajiet rilevanti għal-leġiżlazzjoni elenkanta fl-Iskeda Kap. 568.

u kull setgħa mogħtija bihom għandha tiġi eżerċitata mill-Awtorità għall-finijiet ta' dan l-Att:

Kap. 568.

Iżda meta l-Awtorità teżerċita setgħat skont dan is-subartikolu, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(2) tal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Awtorità fir-rigward ta' kull data miżmuma mill-awtoritajiet rilevanti għal-leġiżlazzjoni elenkata fl-Iskeda:

Kap. 568.

Iżda wkoll dan is-subartikolu huwa bla ħsara għas-setgħat tal-Uffiċċju li Jikkordina l-Ispezzjonijiet taħt l-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern.

Setgħat sabiex jinħarġu twissijiet u informazzjoni.

15. (1) L-Awtorità tista' tagħmel u toħroġ stqarrijiet pubbliċi li jidentifikaw u jagħtu twissijiet jew jipprovdu xi informazzjoni dwar xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ikel jew sorsi tal-ikel li huma ta' ħsara għas-saħħa jew li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem;

(b) il-provvista ta' ikel jew ta' sorsi tal-ikel, irrispettivament minn min ikunu provduti, li huma jew li jistgħu potenzjalment jikkawżaw ħsara lis-saħħa jew li mhumiex tajbin għall-konsum uman, u l-persuni involuti fil-provvista ta' tali ikel jew sorsi tal-ikel;

(ċ) prattiki mwettqa fir-rigward ta' kwalunkwe negozju tal-ikel, li huma ta' detriment għall-interessi tal-pubbliku u, jew il-persuni li jinvolvu ruħhom f'tali prattiki; u

(d) kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa ħażin jew tista' taffettwa ħażin is-saħħa tal-bniedem b'rabta mal-akkwist jew l-użu ta' ikel jew sorsi tal-ikel.

(2) L-Awtorità tista' teħtieġ lil kull detentur tal-informazzjoni dwar l-ikel li jipprovdilha kwalunkwe informazzjoni, inkluża informazzjoni finanzjarja li l-Awtorità tqis meħtieġa bil-għan li tiżgura t-tħaris ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' regolamenti preskritti taħtu jew ta' deċiżjoni, ordni, struzzjoni jew direttiva mogħtija skont dan l-Att jew skont regolamenti magħmula taħtu jew skont kwalunkwe liġi oħra li l-Awtorità tkun intitolata li tinforza.

(3) Il-Gvern, l-Awtorità u kwalunkwe wieħed mill-uffiċjali tagħha li jaġixxu fuq l-istruzzjonijiet jew awtorità tal-Awtorità ma għandhomx ikunu jew isiru responsabbli għal xi atti magħmula bil-*bona fide* skont dan l-artikolu:

Iżda din l-eżenzjoni mir-responsabbiltà għandha testendi għall-persuni kollha li jippubblikaw, jistampaw, jirreġistraw, ixandru, jikkomunikaw jew jirriproduċu dik l-informazzjoni fi kwalunkwe forma.

Mard li jittieħed mill-ikel.

16. (1) Meta s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jirċievi notifika, jew isir jaf dwar marda li tkun suspettata jew konfermata li tittieħed mill-ikel, jew meta tali Suprintendent ikollu bażijiet raġonevoli biex jissuspetta l-eżistenza ta' mard li jittieħed mill-ikel, huwa għandu, meta jitqies xieraq, jinnotifika lill-Awtorità sabiex twettaq l-investigazzjoni tagħha skont is-setgħat mogħtija b'dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra:

Iżda waqt kull stadju tal-investigazzjoni, l-Awtorità għandha żżomm lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika informat bl-iżviluppi kollha, inkluż l-eżitu tal-investigazzjoni.

(2) L-Awtorità għandha tinnotifika lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika meta tiġi informata jew issir taf b'fatti li jistgħu jwasslu għal, jew jikkostitwixxi mard li jittieħed mill-ikel, sabiex is-Suprintendent iwettaq l-investigazzjoni tiegħu.

(3) L-Awtorità u s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandhom jistabbilixxu politika ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw il-protezzjoni kontra l-mard li jittieħed mill-ikel u sabiex jissalvagwardjaw is-saħħa pubblika.

Laboratorji.

17. L-Awtorità tista' tistabbilixxi laboratorji biex jgħinuha fil-funzjonijiet tagħha u biex twettaq kwalunkwe għan ieħor skont dan l-Att:

Iżda għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, it-tali laboratorji jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet oħra li għalihom huma teknikament kompetenti:

Iżda wkoll il-Ministru jista' b'regolamenti jistabbilixxi u, jew jindika laboratorji partikolari għal skopijiet speċifiċi.

Protezzjoni tad-data.

Kap. 586.

18. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu għandhom ikunu bla ħsara għall-appikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, inklużi r-regolamenti magħmula taħtu, u għad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data.

(2) Meta taġixxi fil-kapaċità tagħha ta' kontrollur skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Awtorità għandha twettaq l-operati rilevanti għall-ipproċessar tad-data limitatament għal dak li jkun neċessarju u proporzjonat għall-għanijiet li jkunu fil-mira

tal-Awtorità.

(3) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, l-ipproċessar tad-data personali għandu jkun għalkollox konformi mal-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(4) L-Awtorità filwaqt li tqis in-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet għall-ipproċessar, kif ukoll ir-riskji għax-xorta u għas-severità differenti għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, fil-waqt tal-għażla tal-mezzi għall-ipproċessar u anke fil-waqt tal-ipproċessar innifsu, għandha timplimenta l-miżuri tekniċi u organizzattivi adattati b'mod effettiv u li jintegra s-salvagwardji neċessarji għall-ipproċessar, u dan sabiex tipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u sabiex tiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

(5) Għall-finijiet li tiżgura u tkun kapaċi turi konformità mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali, l-Awtorità għandha timplimenta politiki xierqa għall-protezzjoni tad-data, liema politiki għandhom jiġu riveduti perjodikament u aġġornati kif meħtieġ.

(6) L-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data maħtur skont l-Artikolu 37(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jiġi involut u konsultat b'mod tempestiv fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tad-data personali għall-finijiet ta' dan l-Att.

Dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi. Kap. 601.

19. L-Awtorità għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi.

L-Awtorità għandha tagħmel tajjeb għan-nefqa mid-dħul.

20. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tmexxi l-affarijiet tagħha b'mod li ħafna mill-infiq meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandu, sa fejn ikun prattikabbli, jitħallas mid-dħul tagħha.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-Awtorità għandha timponi d-drittijiet, l-imposti u l-ħlasijiet l-oħra kollha kif preskritti jew meqjusa li huma preskritti minn, jew taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra li tipprovdi dwar materji li jaqgħu taħt is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Awtorità b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(3) L-Awtorità għandha wkoll titħallas mill-Gvern billi jittieħdu mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li l-Kamra tad-Deputati, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Kamra", tista' minn żmien għal żmien tawtorizza li jiġu approprjati sabiex ikopru kwalunkwe nefqa tagħha li ma tistax titħallas mid-dħul tagħha u l-infiq għal xogħlijiet speċifikati li għandhom jitkomplew jew xort'oħra jitwettqu minnha, li jkunu

xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali simili.

(4) Kwalunke eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu, bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Awtorità għall-formazzjoni ta' fondi ta' riżerva li għandhom jintużaw għall-għanijiet tagħha u bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kwalunkwe direttiva mogħtija mill-Ministru kif imsemmi qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat fid-direttiva, ta' xi parti mid-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra miġbura skont is-subartikolu (2) jew kwalunkwe eċċess kif imsemmi qabel.

(5) Kwalunkwe fondi tal-Awtorità li ma jkunux meħtieġa minnufih sabiex titħallas in-nefqa jistgħu jiġu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

Setgħa li tissellef jew tiġbor kapital.

21. (1) Għall-finijiet tat-twettiq ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tiġbor flus b'dak il-mod, minn dik il-persuna, korp jew awtorità, u skont dawk it-termini u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif intqal qabel, jista' japprova bil-miktub.

(2) L-Awtorità tista' wkoll, minn żmien għal żmien, tissellef, permezz ta' overdraft jew xort'oħra, dawk l-ammonti li tista' teħtieġ sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kwalunkwe ammont li jeċċedi mija u għoxrin elf euro (€120,000), l-approvazzjoni tal-Ministru għandha tkun meħtieġa bil-miktub.

Avvanzi mill-Gvern.

22. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jagħmel avvanzi lill-Awtorità ta' dawk l-ammonti li jista' jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Awtorità għat-twettiq ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u jista' jagħmel dawk l-avvanzi b'dawk it-termini u kondizzjonijiet li jista', wara konsultazzjoni kif imsemmi qabel, iqis xierqa:

Iżda kwalunkwe tali avvanz jista' jsir mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr l-ebda approprjazzjoni oħra ħlief taħt dan l-Att, b'ordni ffirmat minnu li jawtorizza lill-Accountant General sabiex jagħmel dak l-avvanz.

Self mingħand il-Gvern.

23. (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kwalunkwe ħtiġijiet tal-Awtorità ta' xorta kapitali, jikkuntratta jew

jiġbor self, jew jidħol f'obbligazzjonijiet, għal tali perjodi u b'dawk it-termini u kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa u kull ammonti dovuti fir-rigward jew b'rabta ma' kwalunkwe tali self jew obbligazzjonijiet għandhom jittieħdu mill-Fond Konsolidat.

(2) L-avviżi bil-miktub ta' kwalunkwe self, obbligazzjoni jew avvanz magħmula jew eżegwiti taħt id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra kemm jista' jkun malajr.

(3) Sakemm jingħabar kwalunkwe self kif imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li jiġi pprovdut lill-Awtorità kapital operattiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni ffirmat minnu, u mingħajr l-ebda approprjazzjoni oħra ħlief taħt dan l-Att, jawtorizza lill-Accountant General sabiex jagħmel avvanzi lill-Awtorità mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor skont dawk it-termini li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru mat-twettiq tal-istess.

(4) Ir-rikavat minn kwalunkwe self miġbur għall-finijiet ta' avvanzi lill-Awtorità u kwalunkwe flejjes oħra li għandhom jiġu avvanzati lill-Awtorità skont dan l-artikolu, għandu jitħallas f'fond speċifikament stabbilit għal dan il-għan u li għandu jkun magħruf bħala l-"Fond ta' Self għas-Sigurtà tal-Provvista u s-Sigurtà fl-Ikel".

(5) L-ammonti li jirċievi l-Accountant General mingħand l-Awtorità bħala ħlas lura ta' avvanzi magħmula lill-Awtorità taħt is-subartikolu (3) għandhom jitħallsu mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor u l-ammonti riċevuti mill-Accountant General bħala imgħax fuq dawk l-avvanzi għandhom jitqiegħdu fil-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Awtorità.

24. (1) L-Awtorità għandha tiżgura li jitħejjew f'kull sena finanzjarja, u għandha mhux aktar tard minn erba' (4) ġimgħat qabel tmiem dik is-sena tadotta estimi tad-dħul u l-infiq tal-Awtorità għas-sena finanzjarja sussegwenti li jiddistingwu, b'mod partikolari, id-dħul u l-infiq għal kull waħda mill-funzjonijiet tagħha kif jista' jkun prattiku:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja tal-Awtorità għandhom jitħejjew u jiġu adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jispeċifika b'avviż bil-miktub lill-Awtorità.

(2) Fit-tħejjija ta' tali estimi, l-Awtorità għandha tieħu kont ta' kwalunkwe fond u flejjes oħra li jistgħu jkunu dovuti lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, kemm bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' Att ta' approprjazzjoni jew ta' xi liġi oħra u għandha tipprepara l-imsemmija estimi sabiex tiżgura li d-dħul totali tagħha jkun mill-inqas suffiċjenti biex ikopri l-ammonti kollha li għandhom

jitħallsu mill-kont tad-dħul tagħha inkluż, iżda bla ħsara għall-ġeneralità tat-terminu, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkollhom dik l-informazzjoni u dak il-paragun ma' estimi preċedenti kif il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jordna.

(4) Kopja tal-estimi għandha, mal-adozzjoni tagħhom mill-Awtorità, tintbagħat minnufih lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi mingħand l-Awtorità, japprova l-istess bi, jew mingħajr emendi wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

L-infiq għandu jkun skont l-estimi approvati.

25. (1) Ma għandha ssir jew tiġi eżegwita l-ebda nefqa mill-Awtorità kemm-il darba ma jkunx sar provvediment għaliha fl-estimi approvati kif provdut fl-artikolu 24.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(a) sal-iskadenza ta' sitt (6) xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja, jew sal-approvazzjoni tal-estimi għal dik is-sena, skont liema data tiġi l-ewwel, l-Awtorità tista' tagħmel jew tidħol fi spejjeż għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att li ma jeċċedux fit-total nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja preċedenti;

(b) in-nefqa approvata fir-rigward ta' intestatura jew sottointestatura tal-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, issir jew tiġi eżegwita fir-rigward ta' intestatura jew sottointestatura oħra tal-estimi;

(ċ) għall-ewwel sena finanzjarja, l-Awtorità tista' tidħol għal infiq, sakemm l-estimi approvati għal dik is-sena ma jiġux approvati, li ma jeċċedux fit-total dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jippermetti; u

(d) jekk jinstab fir-rigward ta' xi sena finanzjarja li l-ammont approvat fl-estimi ma jkunx biżżejjed jew tkun inqalgħet ħtieġa għal nefqa għal skop mhux previst fl-estimi, l-Awtorità tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni mill-Ministru, u fi kwalunkwe tali każ, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att applikabbli għall-estimi għandhom, inkwantu dan ikun prattiku, japplikaw *mutatis mutandis* għall-estimi supplimentari.

Pubblikazzjoni tal-estimi approvati.

26. Il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi u tal-estimi supplimentari tal-Awtorità, jew jekk f'xi żmien matul dak il-perjodu l-Kamra ma tkunx f'sessjoni, fi żmien tmien (8) ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li jkun imiss, jiżgura li dawk l-estimi jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Kontijiet u verifiki.

27. (1) L-Awtorità għandha tiżgura li jinżammu kontijiet xierqa u rekords oħra dwar l-operat tagħha u għandha tiżgura li jitħejja prospett tal-kontijiet għal kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri li għandhom jinħatru mill-Awtorità bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u għandhom, barra minn hekk, ikunu soġġetti għall-iskrutinju tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi, u għall-verifika mid-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet, stabbilit bl-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji u mill-Awditur Ġenerali li għandu għal dan il-għan ikollu s-setgħat kollha stabbiliti fl-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, skont il-każ.

Kap. 461.

Kap. 396.

(3) L-Awtorità għandha, sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tippreżenta lill-Ministru permezz tas-Segretarju Permanenti dikjarazzjoni verifikata tal-kontijiet flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awdituri fuq dak il-prospett jew dwar il-kontijiet tal-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jiżgura li kopja ta' dak il-prospett u rapport jitqiegħdu quddiem il-Kamra sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li tiġi riċevuta jew, meta l-Kamra ma tkunx f'sessjoni, sa mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' tibda s-sessjonijiet tagħha.

Depożitu ta' dħul u ħlasijiet li jsiru mill-Awtorità.

28. (1) Il-flejjes kollha dovuti lill-Awtorità għandhom jitħallsu fil-banek identifikati bħala l-bankiera tal-Awtorità b'riżoluzzjoni tal-Awtorità. Dawk il-flejjes għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jitħallsu fi kwalunkwe tali banek minn jum għal jum, ħlief għal dik is-somma li l-Awtorità tista' tawtorizza li tinżamm għall-pagament ta' ħlasijiet żgħar u ħlasijiet immedjati fi flus kontanti.

(2) Il-ħlasijiet kollha mill-fondi tal-Awtorità, ħlief ħlasijiet żgħar li ma jeċċedux somma stabbilita mill-Awtorità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità li hija għandha taħtar jew tinnomina għal dak il-għan.

(3) Ċekkijiet li jinħarġu fuq, u żbanki minn xi kont bankarju tal-Awtorità għandhom jiġu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità li jista' jinħatar jew jiġi nnominat mill-Awtorità għal dak il-għan u

għandhom jiġu kontrofirmati mill-President jew minn dak il-membru jew uffiċjal ieħor li jista' jiġi awtorizzat mill-Awtorità għal dak il-għan.

(4) L-Awtorità għandha tipprovdi wkoll dwar:

(a) il-mod li bih il-ħlasijiet għandhom jiġu awtorizzati jew approvati u l-uffiċjali li jawtorizzawhom jew japprovawhom;

(b) it-titolu ta' kwalunkwe kont miżmum mal-banek li fih għandhom jitħallsu l-flejjes tagħha u t-trasferiment ta' fondi minn kont għall-ieħor; u

(ċ) il-metodu li għandu jiġi adottat biex isiru ħlasijiet mill-fondi tagħha, u b'mod ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li hija rilevanti għaż-żamma u l-kontroll xieraq tal-kontijiet u tal-kotba u għall-kontroll tal-finanzi tagħha.

Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet.

29. L-Awtorità ma għandhiex tagħti jew tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew għall-għoti ta' servizzi lil, jew għall-benefiċċju tal-Awtorità, ħlief skont l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.

Kap. 601.

Rapport annwali.

30. (1) L-Awtorità għandha, sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tippreżenta lill-Ministru, permezz tas-Segretarju Permanenti, rapport li jittratta b'mod ġenerali l-attivitajiet tal-Awtorità matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dik l-informazzjoni dwar il-proċedimenti u l-politika tal-Awtorità kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(2) Ir-rapport annwali msemmi fis-subartikolu (1) għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Tqegħid ta' rapport annwali quddiem il-Kamra.

31. Il-Ministru għandu jiżgura li kopja tar-rapport ippreżentat lilu skont l-artikolu 30 jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jirċevih jew, meta l-Kamra ma tkunx f'sessjoni, sa mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' tibda s-sessjonijiet tagħha.

Setgħa li jagħmel regolamenti.

32. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jitwettqu aħjar l-għanijiet ta' dan l-Att.

(2) B'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), tali regolamenti jistgħu jipprovdu għal:

(a) kwalunkwe ħaġa li għandha jew li tista' tiġi

preskritta taħt dan l-Att;

(b) bla ħsara għas-subartikolu (3), it-trasferiment ta' kompetenzi, responsabbiltajiet, setgħat, assi, responsabbiltajiet u kwalunkwe dritt jew obbligu ieħor miżmum minn entitajiet oħra tal-amministrazzjoni pubblika fir-rigward tal-ikel, u kwalunkwe ħaġa li twassal jew li għandha x'taqsam magħhom, bil-għan li jiġu ċentralizzati taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità kull rwol u, jew funzjoni eżistenti li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-ikel, mas-sigurtà fil-provvista tal-ikel u, jew mal-kwalità tal-ikel, inklużi l-liċenzjar, iċ-ċertifikazzjoni u r-regolamentazzjoni;

(ċ) il-liċenzjar jew awtorizzazzjoni oħra ta' operaturi u stabbilimenti li jinvolvu l-ikel u l-produzzjoni, l-ipproċessar u, jew il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu jew offerta oħra għall-konsum uman;

(d) kwalunkwe ħaġa relatata mas-superviżjoni, kontroll u infurzar fir-rigward tal-ikel, tan-negozji tal-ikel u tal-postijiet tal-ikel;

(e) kwalunkwe ħaġa relatata mal-kontroll tal-ikel;

(f) il-ġbir ta' kwalunkwe dritt, ħlasijiet dovuti jew imposti oħra għal kwalunkwe ħaġa li ssir skont dan l-Att;

(g) il-kumpens dovut lil kwalunkwe persuna għal kwalunkwe attività relatata mal-kontroll tal-ikel, bla ħsara għal kwalunkwe dritt ieħor ta' kumpens skont kwalunkwe liġi oħra;

(h) ir-regolamentazzjoni tal-pestiċidi relatati mal-ikel, meta mhux speċifikament provdut dwarhom fl-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi; Kap. 430.

(i) l-implimentazzjoni u t-tħaris ta' kull obbligu internazzjonali u, jew tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal Malta; u

(j) il-monitoraġġ, ir-regolamentazzjoni u s-sanzjonar effettivi kontra episodji li jinvolvu prattiki qarrieqa fir-rigward tal-ikel u kontra l-frodi alimentari.

(3) Kwalunkwe regolamenti li jipprovdu dwar kwalunkwe trasferiment lill-Awtorità ta' kompetenzi, responsabbiltajiet, setgħat, assi, responsabbiltajiet u kwalunkwe dritt jew obbligu ieħor kif imsemmi fis-subartikolu (2), minn kwalunkwe entità oħra tal-amministrazzjoni pubblika, għandhom isiru bi qbil mal-Prim Ministru.

(4) Il-Ministru jista' b'regolamenti jistabbilixxi l-mod li bih għandhom jiġu regolati l-proċeduri tal-Awtorità.

(5) Bla ħsara għas-subartikolu (1), il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi reati, pieni, penali, miżuri u, jew proċeduri, għal kull dispożizzjoni ta' dan l-Att u kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

TAQSIMA III
Emendi konsegwenzjali

Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti. Kap. 427.

33. Fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti t-tifsira "prodott" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "prodott" tinkludi kwalunkwe ħaġa, oġġett jew sustanza manifatturata li huma maħsuba jew offruti għall-użu mill-konsumaturi jew x'aktarx jintużaw mill-konsumaturi, provduti sew bi, jew mingħajr ħlas jew fl-operat ta' kummerċ jew negozju u sew jekk ikunu ġodda, użati jew rikondizzjonati, iżda teskludi:

(a) prodotti użati provduti bħala antikitajiet;

(b) prodotti li għandhom jiġu msewwija jew rikondizzjonati qabel ma jintużaw, kemm-il darba min ikun qiegħed jissuplixxi tali prodotti jinforma b'mod ċar dwar dan lill-persuni li lilhom ikun qiegħed jissupplixxi l-prodott;

(ċ) sustanzi mediċinali skont it-tifsira mogħtija lilha f'dan l-Att;

(d) affarijiet ta' ikel skont it-tifsira mogħtija lilha f'dan l-Att;".

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi. Kap. 430.

34. L-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2 tiegħu:

(i) it-tifsira "l-Awtorità" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel kif imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(ii) fit-tifsira "awtorizzazzjoni" l-kliem "id-direttur

jista' jippermetti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' tippermetti";

(iii) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi mħassra;

(iv) fit-tifsira "Ministru" l-kelma "Agrikoltura" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "ikel";

(v) fit-tifsira "pestiċida" l-kliem "u prodotti bioċidali" għandhom jiġu mħassra;

(vi) fit-tifsira "reġistrazzjoni" il-kliem "id-Direttur japprova" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tapprova";

(b) l-artikolu 3 tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Responsabbiltajiet tal-Awtorità.

3. L-Awtorità għandha, fuq il-parir tal-Bord, tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid ta' prodotti fuq is-suq, għaż-żamma ta' reġistru għar-reġistrazzjoni tal-pestiċidi, għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu.";

(ċ) fl-artikolu 4(2) tiegħu l-kliem "Id-Direttur, fuq il-parir tal-Bord, għandu jiżgura" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità, fuq il-parir tal-Bord, għandha tiżgura";

(d) fl-artikolu 5 tiegħu:

(i) is-subartikolu (1)(h) għandu jiġi mħassar;

(ii) is-subartikolu (2) għandu jiġi mħassar;

(e) l-artikolu 6 tiegħu għandu jiġi mħassar;

(f) l-artikolu 8 tiegħu għandu jiġi mħassar;

(g) is-subartikolu (2) tal-artikolu 10 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (ċ) għandu jiġi mħassar;

(ii) il-paragrafu (d) għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) rappreżentant mis-settur edukattiv, mid-

Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa, mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.";

(h) fl-artikolu 11 tiegħu l-kliem "id-Direttur jista', fuq il-parir tal-Bord, jippermetti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista', fuq il-parir tal-Bord, tippermetti" u l-kliem "id-Direttur jista' wkoll jippermetti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' wkoll tippermetti";

(i) il-kliem "Direttur", "d-Direttur", "id-Direttur", "lid-Direttur", "mid-Direttur" u "tad-Direttur", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti rispettivament bil-kliem "Awtorità", "l-Awtorità", "l-Awtorità", "lill-Awtorità", "mill-Awtorità" u "tal-Awtorità";

(j) fil-verżjoni bl-Ingliż biss il-kelma "Director", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Authority".

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti. Kap. 433.

35. L-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu 2 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "xort oħra –" għandha tiġi miżjuda t-tifsida ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(ii) it-tifsira "Dipartiment" għandha tiġi mħassra;

(iii) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi mħassra;

(iv) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ikel u tinkludi, sa fejn dik l-awtorità tiġi mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat bil-miktub biex jaġixxi f'ismu għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

(b) l-artikolu 3 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha tkun responsabbli għas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti u għandha tamministra u tinforza d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.";

(ii) fil-paragrafu (k) tas-subartikolu (2) il-kliem "d-Direttur jista' jippreskrivi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' tippreskrivi";

(ċ) l-artikolu 4 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) l-Awtorità jew ir-rappreżentant tagħha; u";

(ii) fis-subartikolu (2) il-kliem "mid-Dipartiment" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "mill-Awtorità";

(d) fl-artikolu 5 tiegħu l-kliem "Id-Direttur jista' jistabilixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista' tistabilixxi";

(e) l-artikolu 11 tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej**:**

"Permess għall-importazzjoni.

11. (1) L-Awtorità tista', permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta, teħtieġ illi xi klassi ta' materjal veġetali, organiżmu li jagħmel il-ħsara, organiżmu li jagħmel il-ġid, ħamrija jew materjal tal-ippakkjar ma għandux jiġi importat f'Malta minn tali pajjiżi jew żoni, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż, ħlief b'permess tal-importazzjoni u bi qbil strett mal-kondizzjonijiet tal-permess.

(2) L-Awtorità tista':

(a) toħroġ, tirrifjuta li toħroġ jew tħassar xi permess tal-importazzjoni; jew

(b) tippreskrivi fi kwalunkwe permess għall-importazzjoni dawk it-termini u kondizzjonijiet li l-Awtorità tqis xierqa u fi kwalunkwe waqt, kemm qabel kif ukoll wara l-importazzjoni, tibdel jew iżżid mat-termini jew il-kondizzjonijiet.";

(f) fl-artikolu 13 tiegħu l-kliem "jipprojbixxi jew jirrestrinġi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tipprojbixxi jew tirrestrinġi";

(g) fl-artikolu 15 tiegħu l-kliem "lid-Dipartiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Awtorità";

(h) l-artikolu 17 tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Reġistrazzjoni mas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti.

17. L-Awtorità tista' teħtieġ li kwalunkwe persuna li tkun involuta fil-propagazzjoni, fil-ħażna, fl-importazzjoni, fl-esportazzjoni jew fil-produzzjoni jew xi negozju ieħor konness ma' materjal veġetali, tirreġistra mas-Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti u tikkonforma ma' tali rekwiżiti li minn żmien għal żmien l-Awtorità tista' raġonevolment teħtieġ.";

(i) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tiegħu l-kliem "Id-Direttur jista', permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta, jiddikjara" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista', permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta, tiddikjara";

(j) fl-artikolu 21 tiegħu l-kliem "jiddikjara" u "jippreskrivi", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu rispettivament sostitwiti bil-kliem "tiddikjara u "tippreskivi";

(k) l-artikolu 22 tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Avviż bil-miktub.

22. Jekk l-Awtorità tkun sodisfatta illi organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat, ikun preżenti f'xi post, l-Awtorità tista' tordna illi jiġi notifikat avviż bil-miktub lis-sid jew lil min jokkupa dik l-art jew dak il-fond u, jekk jidhrilha li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att , lis-sid jew lil min ikun jokkupa kwalunkwe

art jew fond fil-viċinanza, li fih tordna lil kull wieħed minnhom, fi żmien speċifikat fl-avviż, biex jieħdu kwalunkwe miżuri fuq l-artijiet jew il-fondi tagħhom li l-Awtorità tikkonsidra xierqa biex tinqered, titrażżan jew tirrestrinġi l-firxa tal-organiżmu li jagħmel il-ħsara li għandu jiġi notifikat.";

(l) fl-artikolu 23 tiegħu l-kliem "lid-Direttur, id-Direttur jista' jawtorizza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Awtorità, l-Awtorità tista' tawtorizza";

(m) l-artikolu 24 tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Reviżjonijiet regolari.

24. L-Awtorità għandha tirrevedi b'mod regolari is-sitwazzjoni fir-rigward ta' xi art li tkun tqiegħdet taħt kwarantina u, meta tkun sodisfatta illi l-organiżmu rilevanti li jagħmel il-ħsara jkun ġie eradikat jew jekk wara li jkunu ġew ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti ma jkunx xieraq illi jkomplu jinżammu r-restrizzjonijiet tal-kwarantina fir-rigward tal-art kollha jew parti minnha li tkun taħt kwarantina, l-Awtorità għandha, permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta u b'avviż notifikat lil dawk is-sidien jew okkupanti kollha ta' tali art, tiddikjara illi mid-data speċifikata kwalunkwe art identifikata fl-avviż ma għandhiex tibqa' aktar taħt kwarantina.";

(n) l-artikolu 25 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) il-kliem "id-Direttur jista' jikkompensa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' tikkompensa";

(ii) fis-subartikolu (2) il-kliem "Id-Direttur ma għandux ikollu l-obbliġu li jikkompensa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità ma għandhiex ikollha l-obbligu li tikkompensa";

(iii) is-subartikolu (3) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-Awtorità għandha, fuq il-parir tal-Bord, tiddetermina l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tista', b'avviż tal-Gvern ippubblikat fil-Gazzetta, tippreskrivi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti sabiex jintalab

kumpens.";

(o) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 26 tiegħu l-kliem "tad-Dipartiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Awtorità";

(p) fl-artikolu 27 tiegħu l-kliem "id-Direttur jista' jitlob" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' titlob";

(q) il-kliem "d-Direttur", "Id-Direttur jista'", "id-Direttur jista'", "mid-Direttur" u "tad-Direttur", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità", "L-Awtorità tista'", "l-Awtorità tista", "mill-Awtorità" u "tal-Awtorità" rispettivament.

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar l-Inbid. Kap. 436.

36. L-Att dwar l-Inbid għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2 tiegħu:

(i) it-tifsira "Awtorità" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(ii) it-tifsira "Awtorità dwar l-Infurzar" għandha tiġi mħassra;

(iii) it-tifsira "Dipartiment" għandha tiġi mħassra;

(iv) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi mħassra;

(v) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ikel u għandha tinkludi, sa fejn dik l-awtorità tiġi mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat bil-miktub biex jaġixxi f'ismu għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

(b) l-artikolu 3 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (3) il-kliem "d-Direttur jista' jkun jeħtieġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-

Awtorità tista' teħtieġ";

(ii) is-subartikolu (4) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) L-Awtorità tista', qabel ma tagħti jew tiċħad kwalunkwe liċenzja jew it-tiġdid tagħha, tikkonsulta l-Bord.";

(ċ) fl-artikolu 4 tiegħu l-kliem "id-Direttur għandu jinforma lill-applikant minnufih li jkun irrifjuta jagħmel dan" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant minnufih li tkun irrifjutat tagħmel dan";

(d) l-artikolu 5 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) il-kliem "Id-Dipartiment għandu jistabbilixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità għandha tistabbilixxi";

(ii) fil-proviso għas-subartikolu (5) l-kliem "d-Direttur jista', bil-parir tal-Bord, jawtorizza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorita tista', bil-parir tal-Bord, tawtorizza";

(e) l-artikolu 11 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-proviso għas-subartikolu (1) il-kliem "d-Direttur jista', fuq il-parir tal-Bord, jistabbilixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista', fuq il-parir tal-Bord, tistabbilixxi";

(ii) fis-subartikolu (2) il-kliem "Id-Direttur jista', f'kull żmien, jitlob b'avviż lil xi tali għassar biex jibgħatlu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista' f'kull waqt, titlob b'avviż lil kwalunkwe għassar jibgħatilha";

(f) is-subartikolu (3) tal-artikolu 12 tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru, filwaqt li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, għandu jawtorizza lill-Awtorità sabiex:

(a) tħejji lista ta' varjetajiet ta' dwieli awtorizzati jew rakkomandati tal-ispeċi *Vitis vinifera* li jkunu tajba sabiex jipproduċu kwalunkwe wieħed mill-inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni

speċifikati; u

(b) tistipula d-dispożizzjonijiet dwar il-metodi tat-tkabbir tad-dwieli lokali li jkunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-aħjar kwalità possibbli għall-inbid ta' kwalità lokali.";

(g) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 16 tiegħu l-kliem "id-Direttur tad-Dipartiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Awtorità";

(h) l-artikolu 21 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

- il-kliem "Id-Direttur jista', fuq il-parir tal-Bord, b'ordni pubblikat fil-Gazzetta, jistabbilixxi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista', fuq il-parir tal-Bord, b'ordni ppubblikat fil-Gazzetta, tistabbilixxi";

- fil-proviso l-kliem "d-Direttur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jawtorizza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha, tawtorizza";

(ii) is-subartikolu (2) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-Awtorità tista' tieħu dawk il-passi li jistgħu jidhrulha li jkunu meħtieġa għas-superviżjoni tax-xiri tal-għeneb mill-għassara u, jew sabiex taċċerta konformità ma' kwalunkwe ordni li hija tagħmel.";

(i) il-kliem "awtorità dwar l-infurzar", "Awtorità dwar l-Infurzar" u "awtorità tal-infurzar", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Awtorità";

(j) il-kliem "id-Dipartiment", "lid-dipartiment", "mad-Dipartiment", "mid-Dipartiment" u "tad-Dipartiment", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti rispettivament bil-kliem "l-Awtorità", "lill-Awtorità", "mal-Awtorità", "mill-Awtorità" u "tal-Awtorità";

(k) il-kliem "d-Direttur", "id-Direttur", "Id-Direttur", "lid-Direttur" u "mid-Direttur", kull fejn jokkorru, għandhom

jiġu sostitwiti rispettivament bil-kliem "l-Awtorità", "l-Awtorità", "L-Awtorità", "lill-Awtorità" u "mill-Awtorità".

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Kap. 437.

37. L-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2 tiegħu:

(i) minnufih qabel it-tifsira "Awtorità dwar il-Mediċini" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(ii) it-tifsira "Direttur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur għas-Servizzi Veterinarji li għandu jkun Kirurgu Veterinarju bil-warrant jew uffiċjal nominat mill-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub sabiex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(iii) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji u tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Ministru, kwalunkwe uffiċjali awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'ismu għall-għanijiet ta' dan l-Att:

Iżda għall-finijiet ta' materji relatati mal-ikel u tal-Awtorità, il-Ministru responsabbli għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-ikel;";

(b) l-artikolu 5(1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (d) il-kliem "is-seħħ ta' mard;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-okkorrenza ta'

mard.";

(ii) il-paragrafu (e) għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subartikolu (1) tal-artikolu 49 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (l) tiegħu l-kliem "jew suspettat; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew suspettat;";

(ii) fil-paragrafu (m) tiegħu l-kliem "magħmula taħtu." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "magħmula taħtu; u", u minnufih wara l-paragrafu (m), kif emendat, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) jiddeċiedi dwar it-teħid ta' miżuri temporanji li ma għandhomx ikollhom effett għal aktar minn sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, sakemm ma jiġux estiżi b'tali avviż ieħor, u liema miżuri temporanji jipprojbixxu jew jillimitaw l-introduzzjoni, il-bejgħ, iż-żamma jew iċ-ċaqliq ta' kwalunkwe annimal, prodott ta' oriġini mill-annimali jew kull ħaġa oħra li kapaċi ġġorr jew tittrażmetti pesti jew mard.";

(d) l-artikoli 50 sa 52 tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. Kap. 439.

38. L-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 2 tiegħu:

(i) minnufih wara t-tifsira "annimali mrobbija" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel kif imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija mill-istess Awtorità, kwalunkwe mill-uffiċjali tagħha awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'isimha għall-għanijiet ta' dan l-Att;";

Att Nru XV tal-2025.

(ii) it-tifsira "Dipartiment" għandha tiġi mħassra;

(iii) minnufih wara t-tifsira "ċirklu" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttorat" tfisser id-Direttorat għat-

Trattament Xieraq tal-Annimali;";

(iv) it-tifsira "Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandha tiġi mħassra;

(v) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-trattament xieraq tal-annimali u għandha tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe mill-uffiċjali awtorizzati bil-miktub biex jaġixxu f'ismu għall-għanijiet ta' dan l-Att:

Iżda għall-finijiet ta' materji relatati mal-ikel u tal-Awtorità, il-Ministru responsabbli għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-ikel;";

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) l-artikolu 19 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "Id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jista' jirrevoka" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista' tirrevoka";

(ii) fil-paragrafu (b) il-kliem "tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Awtorità";

(d) fl-artikolu 25 tiegħu l-kliem "Id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jista' jħassar ċertifikat maħruġ skont l-artikolu 23 jekk jaħseb" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità tista' tħassar ċertifikat maħruġ skont l-artikolu 23 jekk ikollha raġuni sabiex temmen";

(e) l-artikolu 31Ċ tiegħu għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Ksur jew nuqqas ta' konformità ma' din it-Taqsima.

31Ċ. Jekk operatur ta' ċirklu jew promotur ta' ċirklu jikser jew jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jew ma' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima XIV, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jkun awtorizzat sabiex:

(a) jordna t-tħassir ta' permessi jew liċenzji għall-istabbiliment u l-operat ta' ċirkli f'Malta;

(b) jordna l-għeluq taċ-ċirklu jew parti minnu; u

(ċ) joħroġ kwalunkwe miżura temporanja, kif id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jista' jqis meħtieġ, sabiex jiżgura l-ħarsien tal-annimali fiċ-ċirkli, inkluż ordnijiet għat-trattament, rilokazzjoni jew għall-konfiska ta' annimali, liema ordnijiet temporanji għandhom jibqgħu fis-seħħ sa tali żmien li l-Qorti toħroġ kwalunkwe ordni taħt dan l-Att.";

(f) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tiegħu l-kliem "mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Awtorità";

(g) l-artikolu 44B tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) il-kliem "id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kull uffiċjal jew persuna kif tista' tkun awtorizzata mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kwalunkwe tali uffiċjal jew persuna kif tista' tkun awtorizzata mill-Awtorità";

(ii) fis-subartikolu (2) il-kliem "id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kull uffiċjal jew persuna oħra kif tista' tkun awtorizzata mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kwalunkwe tali uffiċjal jew persuna oħra kif tista' tkun awtorizzata mill-Awtorità";

(iii) fis-subartikolu (3) il-kliem "id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità";

(iv) fis-subartikolu (4) il-kliem "Id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità";

(v) is-subartikolu (5) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fid-diskrezzjoni tagħhom, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew l-Awtorità jistgħu ma jagħtux lura lis-sidien kwalunkwe annimali u, jew oġġetti li jiġu kkonfiskati, issekwestrati, maqbuda jew b'xi mod imneħħija mid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew mill-Awtorità:

Iżda d-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew l-Awtorità jistgħu wkoll jiddisponu minn tali annimali u, jew oġġetti skont regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel:

Iżda wkoll kwalunkwe spejjeż relatati mal-konfiska, mas-sekwestrar, mal-qbid jew mat-tneħħija ta' kwalunkwe annimal u, jew oġġett għandhom jiġu mġarrba mill-persuna li wettqet il-ksur.";

(vi) fis-subartikolu (6) il-kliem "ifixkel lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kull uffiċjal għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kull persuna oħra maħtura mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ifixkel lill-Awtorità, lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kwalunkwe uffiċjal għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew tali persuna oħra maħtura mill-Awtorità";

(h) fl-artikolu 44Ċ tiegħu l-kliem "mid-Direttur għas-Servizzi Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra amministrata mid-Dipartiment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Awtorità jew mid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kwalunkwe liġi oħra amministrata mill-Awtorità";

(i) l-artikolu 47 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Meta l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jkollhom raġuni valida sabiex jemmnu li:

(a) ikun twettaq reat kontra dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu minn kwalunkwe persuna; u

(b) ikun iktar xieraq li tiġi imposta piena taħt dan l-artikolu,

huma jistgħu permezz ta' avviż bil-miktub skont is-subartikolu (2) jinnotifikaw lil tali persuna:

Iżda fil-każ li persuna tkun diġà nstabet ħatja ta' reat taħt dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx japplikaw u għandhom jiġu istitwiti proċeduri kriminali fil-każ tat-tieni reat taħt dan l-Att.";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) il-kliem "d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jikkunsidra" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jikkunsidraw";

(iii) is-subartikolu (3) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kwalunkwe persuna li tiġi notifikata b'avviż taħt is-subartikolu (1) tista', fi żmien tletin (30) ġurnata minn tali notifika, għandha permezz ta' avviż bil-miktub fl-għamla xierqa tinnotifika lill-Awtorità jew lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, sabiex titlob li l-proċeduri fir-rigward tal-allegat reat jinstemgħu mill-Qorti, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma għandhom jittieħdu l-ebda proċeduri ulterjuri taħt dan l-artikolu mill-Awtorità jew mid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali; u

(b) dan l-artikolu bl-ebda mod ma għandu jinftiehem fis-sens li jimpedixxi l-istituzzjoni ta' proċeduri fir-rigward tal-allegat reat jew tas-sejbien ta' ħtija tal-persuna għar-reat mill-Qorti jew l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piena jew konfiska taħt dan l-Att mas-sejbien ta' tali ħtija.";

(iv) is-subartikolu (4) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kwalunkwe persuna li tkun ġiet innotifikata b'avviż taħt is-subartikolu (1) u ma tridx li l-proċeduri fir-rigward tal-allegat reat jinstemgħu quddiem il-Qorti tista' b'avviż bil-miktub notifikat lill-Awtorità jew lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali:

(a) tammetti r-reat, u

(b) tħallas l-ammont tal-piena lill-Awtorità jew lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fi żmien tletin (30) ġurnata wara n-notifika tal-avviż tal-piena jew wara tali perjodu sussegwenti hekk kif l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jistgħu jiddeterminaw.";

(v) fis-subartikolu (5) il-kliem "id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jimponi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandhom jimponu";

(vi) fis-subartikolu (7) il-kliem "id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jibda proċedimenti jew jara li jinbdew proċedimenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandhom jibdew proċeduri jew jaċċertaw li jinbdew proċeduri";

(j) l-artikolu 49 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"Reviżjoni ta' deċiżjonijiet tad-Direttur jew tal-Awtorità.

(1) Fejn l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jirrifjutaw li joħorġu permess jew liċenzja meħtieġa minn, jew taħt dan l-Att, jew jimmodifikaw tali permess jew liċenzja jew iħassruhom, il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-permess jew liċenzja jew il-persuna li jkollha l-permess jew il-liċenzja, skont il-każ, għandu jkollhom id-dritt,

sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) jum, jappellaw kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fejn dik il-persuna għandha tispeċifika r-raġunijiet li abbażi tagħhom id-deċiżjoni tal-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandha tiġi mħassra jew modifikata.";

(ii) is-subartikolu (3) għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) It-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni għandu malli jirċievi l-appell skont is-subartikolu (1), jinnotifika l-imsemmi appell lill-Awtorità jew lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali sabiex fi żmien għoxrin (20) jum l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jkunu jistgħu jagħmlu risposta bil-miktub, li fiha għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet li abbażi tagħhom l-appell għandu jiġi miċħud, madankollu l-Awtorità jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jistgħu, meta jkun jidhrilhom li l-appell ikun wieħed ġustifikat, jimmodifikaw id-deċiżjoni tagħhom skont l-appell u jinformaw lit-Tribunal fiż-żmien li jingħatalhom għar-risposta tagħhom.";

(iii) fis-subartikolu (4) il-kliem "tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Awtorità";

(iv) fis-subartikolu (6) il-kliem "lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Awtorità";

(k) il-kliem "Dipartiment" u "Direttur tas-Servizzi Veterinarji", kull fejn jokkorru, għandhom jiġi sostitwiti bil-kelma "Awtorità".

39. L-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel għandu jiġi emendat kif ġej:

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.
Kap. 449.

(a) l-artikolu 2 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tifsira "awtorità tas-saħħa" għandha tiġi mħassra;

(ii) minnufih wara t-tifsira "additiv" għandha tiġi

miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

Att Nru XV tal-2025.

" "Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel" tfisser l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel;";

(iii) iż-żewġ tifsiriet "ikel" għandhom jiġu sostitwiti bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "ikel" tfisser:

(a) kwalunkwe sustanza jew prodott, kemm jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub sabiex jiġi inġerit mill-bniedem, jew raġonevolment mistenni li jiġi inġerit minnu; u

(b) jinkludi u, jew jeskludi kwalunkwe sustanza jew prodott ieħor kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi;";

(iv) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja;

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ikel;";

(b) l-artikoli 5 sa 9 tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(ċ) fl-artikolu 22(1) tiegħu l-kelma "Ministru" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Ministru responsabbli għas-saħħa";

(d) il-kliem "awtorità tas-saħħa", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel".

Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 510.

40. L-artikolu 20(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem ", l-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi" u n-noti marġinali relattivi għandhom jiġu mħassra;

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem ", l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi" u n-noti marġinali relattivi għandhom jiġu mħassra;

(ċ) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "l-artikolu 9(1) tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel" u n-nota marġinali relattiva

għandhom jiġu mħassra;

(d) fil-paragrafu (o) tiegħu l-kliem ", l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi" u n-noti marġinali relattivi għandhom jiġu mħassra.

Emendi konsegwenzjali għall-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern. Kap. 568.

41. L-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Promozzjoni ta' Servizzi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali";

(b) minnufih wara l-kliem "Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel";

(ċ) il-kliem "Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti" u "Direttorat dwar ir-Regolamentazzjoni Veterinarja" għandhom jiġu mħassra.

Tħassir. Kap. 64. Kap. 86.

42. L-Ordinanza dwar il-Koltivazzjoni tal-Patata u l-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni ta' Annimali qegħdin b'dan jiġu mħassra mingħajr ħsara għal dak li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

SKEDA

(artikoli 6(7), 9(4), 14(1), 14(4), 14(6), 32(2)(ċ), 32(2)(f) u 32(5))

1. Regolamenti dwar it-Tisqija tal-Ħxejjex (Prekawzjonijiet dwar is-Saħħa). L.S. 36.30.

2. Regolamenti dwar il-Kunserva tat-Tadam u l-Kontroll fil-Bejgħ tat-Tadam li jkun ser jinħadem. L.S 117.13.

3. Regolamenti dwar l-Istandards għat-Tqegħid fis-Suq tal-Frott u l-Ħxejjex. L.S 117.36.

4. Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi. Kap. 430.

5. Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti. Kap. 433.

6. Att dwar l-Inbid. Kap. 436.

7. Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Kap. 437.

8. Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. Kap. 439.

9. Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Għoġġiela. L.S. 439.01.

L.S. 439.02. 10. Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali.

L.S. 439. 03. 11. Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla.

L.S. 439.04. 12. Regolamenti dwar Kriterji għal Staging Points.

L.S. 439.07. 13. Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni ta' Tiġieġ tal-Bajd.

L.S. 439.09. 14. Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura u l-Ispezzjoni ta' Fondi fejn jinżammu Annimali għall-Produzzjoni.

L.S. 439.12. 15. Regolamenti dwar Regoli Minimi għall-Protezzjoni tat-Tiġieġ Miżmuma għall-Produzzjoni tal-Laħam.

L.S. 439.23. 16. Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

L.S. 439.24. 17. Regolamenti Implimentattivi dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport u Operazzjonijiet relatati.

Kap. 449. 18. Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

L.S. 639.01. 19. Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa.

L.S. 639.03. 20. Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta.

L.S. 639.04. 21. Regolamenti dwar l-Istabbiliment ta' Skema Nazzjonali tal-"Prodotti ta' Kwalità".

L.S. 639.05. 22. Regolamenti dwar Organic Production and Labelling of Organic Products.

L.S. 639.11. 23. Regolamenti dwar il-Produzzjoni Primarja tal-Ikel ta' Oriġini mhux mill-Annimali (Inkluż il-Produzzjoni tan-Nebbieta).

A 377

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 350 tat-3 ta' Ġunju, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati